MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 280/2002/1

**Avviz numru 280/02DM**

**Adrian Gauci Borda**

**Vs**

**Nadia Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta, sabiex thallas is-somma ta' erbat elef u erba' mitt lira Maltin (Lm4,400) rapprezentanti l-import ta' zewg (2) 'cheques' minnha mahruga lill-mittent bhala rifuzjoni ta' diversi ammonti minnha identifikati u accettati bhala avvanzati lilha mill-mittent.
Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Marzu, 2002, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika lilha ta' l-imsemmija ittra, cioe' mil-11 ta' Marzu, 2002,

sad-data tal-pagament effettiv kontra il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:

1 It-talba ta’ l-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, peress illi t-talba *de quo* hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-firma tal-konvenuta fuq ic-cekkijiet in kwistjoni kienet ivvizzjata *ai termini* tal-Ligi, u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt l-andament tal-kawza;
2 F’kull kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess il-flus mitluba mill-attur m’ghandhomx jigu rimborzati u m’humiex dovuti stante illi kienu gew moghtija lill-eccipjenti bhala donazzjoni in kontemplazzjoni taz-zwieg, liema zwieg qatt ma sehh stante illi kien proprju l-attur illi hassar l-gherusija *de quo,* u dan bi htija u tort attribwibbli esklussivament l-istess attur, u dan ukoll kif jigi ppruvat ahjar waqt l-andament tal-kawza odjerna;
3 Kagun ta’ dan l-agir abbuziv da parti ta’ l-attur rrekat danni lill-eccipjenti, liema danni jifformaw il-mertu ta’ kontro-talba mressqa mill-eccipjenti.
4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-Ligi.

Rat il-kontrotalba tal-konvenuta fejn tablet li l-attur:
1. Jigi kkundannat li, prevja dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’ skond il-ligi, jhallas lill-konvenuta rikonvenjenti l-ammont rappresentanti d-danni kollha sofferti minnha bhala kagun ta’ ksur ta’ gherusija, liema ksur ta’ gherusija kien b’tort u htija attribwibbli esklussivament lill-attur rikonvenut; kif ukoll rimbors ta’ spejjez rappresentanti hlas effettwat mill-istess konvenuta rikonvenjenti sabiex tonora diversi kuntratti ta’ appalt li l-istess attur rikonvenut naqas milli jonora a dannu ta’ l-istess attrici, liema ammont jigi hekk likwidat minn dina l-istess Qorti, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri legali datati t-18 ta’ Ottubru, 2002, u t-12 ta’ Marzu, 2002, kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali datata l-14 ta’ Marzu, 2002, u bl-imghax legali mid-

data tal-ksur ta' l-gherusija sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-attur rikonvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

3.Ghall-finijiet ta' kompetenza gie dikjarat li l-ammont pretiz ma jeccedix l-hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta fejn ecceppixxa illi:

1 It-talbiet ghall-hlas tad-danni allegati mill-konvenuta minhabba ksur ta' l-gherusija hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-attur hassar ir-relazzjoni bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet validissimi u *di piu'* ma jezistux l-elementi essenzjali kontemplati mill-Ligi ghall-ispedizzjoni ta' l-istess talba.

2 It-talba ghall-hlas tad-danni allegati mill-konvenuta minhabba ksur ta' l-gherusija u konsegwenti hlasijiet maghmula mill-istess konvenuta biex tonora kuntratti ta' appalt hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi

i) L-attur hassar ir-relazzjoni bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet vadilissimi.

ii) Ir-rapport bejn il-konvenuta u t-terzi huwa *res inter alios acta* ghall-attur.

iii) Ma tezistix in-*nexus* ta' kawzalita' inevitabbli u neccessarja bejn il-fatt tat-thassir ta' l-gherusija u 'd-danni' riklamata mill-konvenuta.

iv) F'kull kaz il-konvenuta (u/jew il-familjari taghha) huma l-beneficjarji tax-xogholijiet ezegwiti fil-kors ta' l-appalti ordnati mill-istess konvenuta.

3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ma hemmx divergenza kbira bejn il-verzjonijiet moghtija mill-kontendenti rispettivament dwar il-fatti illi taw lok ghal dawn il-proceduri.

Infatti l-kontendenti jaqblu illi mis-sena 1998 il-kontendenti bdew jiffrekwentaw lil xulxin, illi wara ftit taz-zmien zviluppat imhabba bejniethom u r-relazzjoni sserjat tant illi, ghalkemm ma kienux tgharrsu formalment, kienu ddecidew li jizzewgu u kienu sahhansitra anke ffissaw id-data taz-zwieg taghhom u illi kienu anke ndahlu biex jibdew jippreparaw id-dar konjugali u ghamlu spejjez biex jirrangaw din il-proprjeta’ halli tkun lesta biex jabitaw fiha ghal meta jizzewgu.

Kienu sahhansitra anke bdew jiffrekwentaw il-kors organizzat mill-moviment Cana ghall-gharajjes u anke kienu ghazlu s-sala fejn kienu ser jaghmlu l-festin biex jiccelebraw iz-zwieg.

Pero’ ftit qabel Novembru, 2000 l-attur kien beda jbiddel il-hsieb tieghu u ftit wara effettivament hassar l-gherusija u ttermina r-relazzjonijiet li kellu mal-konvenuta.

Billi huwa stabbilit li d-dar li fiha l-kontendenti kienu ser jghaddu l-hajja konjugali taghhom kienet proprjeta’ esklussiva tal-konvenuta, li minn naha taghha kienet bieghet appartament proprejeta’ taghha sabiex inxtrat din id-dar li kienet toghgob ukoll lill-attur, u billi l-attur kien ikkontribwixxa biex saru l-miljoramenti u tiswijiet u benefikati f’din id-dar, l-attur b’din il-kawza qed jitlob ir-rifuzjoni ta’ dawn l-ammonti li huwa zborsa fl-interess tal-proprjeta’ tal-konvenuta li minn naha taghha kienet harget zewg cekkijiet ghall-import tas-somma komplessiva ta’ erbat elef u erba’ mitt lira Maltin (Lm4,400) liema cekkijiet pero’ ma gewx imsarrfin mill-bank minhabba struzzjonijiet appositi ta’ l-istess konvenuta.

Il-konvenuta minn naha taghha ssostni illi minhabba t-terminazzjoni ta’ l-gherusija da parti ta’ l-attur, hija ghaddiet minn ‘stress’ qawwi illi ma ppremettitliex dik il-lucidita’ necessarja biex setghet tivverifika l-konteggi li ghamel l-attur u illi taghti l-kunsens liberu taghha ghall-firma tac-cekkijiet illi effettivament hija kkonsenjat.

Inoltre l-konvenuta ssostni illi bit-terminazzjoni unilaterali ta’ l-gherusija minhabba ebda raguni gusta, l-attur ikkawzalha danni u qed titlob li tigi kkumpensata taghhom.

Pero’ il-konvenuta fid-deposizzjoni taghha ma ghamlet ebda riferenza specifika ghal xi danni partikolari illi kienet qeghda tippretendi minhabba t-thassir ta’ l-gherusija u l-ilmenti taghha kienu b’mod generali jirrigwardaw il-pressjoni li saret mill-attur u l-familja tieghu sabiex hija titrasferixxi l-flat li kien proprjeta’ taghha fil-bidu tar-relazzjonijiet ma’ l-attur.

Tallega ukoll illi kull nefqa illi hija kellha tinkorri sabiex akkwistat id-dar tal-Mellieha fejn kienu ser jirrisjedu l-kontendenti u l-ispejjez l-ohra nvoluti sabiex din id-dar setghet tigi rriparatha u meljorata saru skond l-ezigenzi principalment ta’ l-attur u ommu.

Izda ghalkemm wiehed jissimpatizza sew mas-sitwazzjoni li sabet fiha l-konvenuta, dawn l-ispejjez illi hi tiddikjara illi hija sofriet biex ghamlet ir-riparazzjonijiet u manutenzjonijiet fir-residenza taghha, ma jistghux jikwalifikaw bhala danni.

Infatti ir-riparazzjonijiet, benefikati u miljoramenti u n-nefqa ta’ l-ispejjez kollha illi hija tiddikjara li ghamlet, servew biss biex ibbenifikaw lilha stess bhala proprjetarja esklussiva tad-dar in kwistjoni fejn saru ; anzi dawn ix-xogholijiet u spejjes wasslu ghall-apprezzament tal-proprjeta’ taghha li zdiedet sew fil-prezz b’ ix-xogholijiet li l-konvenuta kienet kostretta taghmel fil-fond.

Ghalhekk, minghajr ma l-Qorti ghandha ghalfejn tidhol biex tezamina l-vinkolu kontrattwali li seta kien jezisti bejn il-kontendenti u minghajr ma ghandha ghalfejn tidhol biex tistabbillixxi ta’ min kien it-tort ghat-terminazzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-kontendenti, il-Qorti qeghda minn issa tiddikjara illi l-konvenuta ma pprovdietx provi sufficjenti biex tindika illi hija setghet sofriet xi dannu bit-terminazzjoni tar-relazzjonijiet li kellha ma’ l-attur, liema terminazzjoni definittivament saret fuq inizjattiva ta’ l-

istess attur u dovuta principalment minhabba l-immaturita' marbuta ma' l-eta' ta' l-istess kontendenti.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad il-kontrotalba tal-konvenuta fil-konfront ta' l-attur.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba ta' l-attur, intimament marbuta ma' l-allegazzjoni ta' vizzju ta' kunsens da parti tal-konvenuta, billi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-konvenuta kienet harget u kkonsenjathija ic-cheques esibiti, huwa essenzjali li l-konvenuta tibda biex, qabel ma tidhol f'xi allegazzjoni ta vizzju ta kunsens, tistabilixxi li, almenu kif tahseb hija istess, l-ammont ta' erbat elef u erba' mitt lira Maltin (Lm4,400), l-import ta'*cheques* illi hija harget favur l-attur, ma kienx dovuta

Pero' anke mill-provi prodotti mill-istess konvenuta jirrizulta ampjament illi l-konvenut ghamel dawk l-ispejjez indikati fid-dokument 'AGB 3' a fol. 25 tal-process u dawn l-ispejjez huma lkoll spejjez maghmulin fl-interess esklussiv ta' l-istess konvenuta billi jirreferu ghall-pagamenti akkont tal-prezz tad-dar akkwistata mill-konvenuta li kien dovut mill-konvenuta wahedha, ghall-ispejjez biex sar il-konvenju, biex sar il-kuntratt definittiv u biex gie pprocessat u akkordat is-self mill-bank lill-istess konvenuta u spejjez ohrajn sabiex saru l-miljoramenti u benifikati fil-proprjeta' ta' l-istess konvenuta.

Ghaldaqstant jirrizulta ampjament illi l-attur huwa ntitolat ghar-rifuzjoni ta' dawn l-ammonti sborsati minnu u li minnhom ibbenefikat il-konvenuta nnifisha bhala l-proprjetarja esklussiva tad-dar minnha akkwistata.

Fuq kollox anke jirrizulta mid-deposizzjoni ta' omm l-istess konvenuta illi t-trattattivi dwar ir-rifuzjoni tas-somma dovuta lill-attur saru ukoll ma' omm l-istess konvenuta li flimkien ma' bintha kienu ghamlu anke proposti ghall-transazzjoni mod iehor.

Il-Qorti tapprezza illi l-istat mentali tal-konvenuta, bil-prospetti taz-zwieg taghha tterminati f'daqqa wahda minghajr ebda pre-avviz, ma kienx wiehed ideali biex

setghet taghmel il-konteggi b'dak il-mod kalm li normalment ikun mehtieg.

Anke l-Qorti tapprezza ukoll illi l-adezjoni mat-talba ta' l-attur setghet kienet ukoll motivata biex xewqa ta' l-istess konvenuta illi ma turtax l-istess attur bi speranza li dan jerga' lura mid-decizjoni tieghu.

Izda xorta wahda l-Qorti ma ssibx illi jezistu ragunijiet bizzejjed li setghu vvizzjaw il-kunsens tal-konvenuta ghall-hrug tac-*cheques* in kwistjoni, u dana peress illi kif diga' inghad l-ammont mitlub mill-attur huwa effettivament dovut lilu u illi l-attur m'ezercitax xi pressjoni insolita biex jezigi l-hlas.

Anzi d-diskussjonijiet saru ukoll bl-intervent tal-genituri tal-konvenuta u l-konvenuta ma kinitx harget ic-cekkijiet in kwistjoni dakinhar illi kienu qed isiru t-trattattivi, izda f'xi gurnata wara, meta kellha cans bizzejjed sabiex tirrifletti fuq dak li kienet qed taghmel, u sahansitra anke biex ibbenefikat minn koncessjoni ta' terminu ghal-pagament kif offra l-istess attur.

Ghaldaqstant tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fil-konfront ta' l-attur u konsegwentement tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef u erba' mitt lira Maltin (Lm4,400) kif minnu mitluba ghar-ragunijiet indikati fl-istess avviz, bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Marzu, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------